MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 895/2003

**Fiona Delia**

**Vs**

**Doreen Bruno personalment kif ukoll ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Eclipse Oliver**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm155.00c (mija u hamsa u hamsin lira Maltin) fejn l-attrici kienet assolvat ruhha f'kors organizat u preparat mill-konvenuta liema kors kien jikkonsisti fi tlett (3) partijiet.

Illi l-ewwel parti tal-kors l-attrici tterminatu b'success u giet moghtija certifikat u dan kif jirrisulta minn Dok. A anness ma' l-Avviz.

Illi appena l-attrici giet ghat-tieni parti tal-kors hija giet mitluba thallas l-ammont ta' Lm155.00c (mija u hamsa u hamsin lira Maltin) bil-quddiem liema ammont hija ghaddiet lill-konvenuta pero wara li ghamlet dan giet informata mill-konvenuta li l-kors ma setghax jitkompla peress li hija riedet li qabel xejn tizzewweg u ghalhekk offriet lill-attrici li jew tiehu l-flus lura jew tistenna ghal wara t-tieg.

L-attrici ghazlet li tiehu l-flus lura pero ghalkemm ghadda z-zmien, u ghalkemm l-attrici qatt ma cahdita minnhom u ghalkemm interpellata, sal-lum ghada ma ghaddietx l-ammont dovut lill-attrici.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fir-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------